# Meta l-Festa ta' San Publju ġiet iċċelebrata barra mill-Furjana

minn Publio Agius

Fost it-tiġrif li ġab miegħu l-bumbardament tat-28 ta' April 1942, meta l-knisja tal-Furjana kienet il-mira ewlenija tal-għadu, kont issib l-istatwa artistika tal-qaddis patrun San Publju.

Dan ġab qsim il-qalb fost il-poplu Furjaniż, jew aħjar dawk il-ftit li kien għad baqgħu joqogħdu fis-Subborg. L-istatwa ta' San Publju ġarrbet ħsarat konsiderevoli u ħtiġilha tissewwa bl-akbar reqqa. Wara qbil ma' l-awtoritajiet ekklesjastiċi, l-istatwa ġiet meħuda għall-kenn ġewwa n-Naxxar.

Billi l-festa liturġika ta' San Publju kienet riesqa ġmielha, fl-20 ta' Diċembru 1942, ġiet imlaqqgħa seduta għall-fratelli tal-Konfraternità tas-SSmu Sagrament u ta' San Publju. Fl-istess seduta, is-Segretarju u s-Sur Salvu Maggi ressaq proposta biex il-Fratellanza tieħu ħsieb torganizza festa lil San Publju ġewwa n-Naxxar.

Għaldaqstant, bi qbil unanimu fost il-fratelli li kienu attendew għas-seduta, ġie deċiż li tiġi ċelebrata quddiesa kantata ad unur San Publju fil-parroċċa tan-Naxxar, fil-21 ta' Jannar 1943.

Minnufih bdew taħditiet bejn id-direttur spiritwali (tal-Fratellanza), il-W.R. Arċipriet Angelo Ghigo u l-Arċipriet tal-parroċċa tan-Naxxar, il-W.R. Emanuel Micallef, biex tiġi organizzata din il-festa. Kollox kien jidher li din il-proposta kienet milqugħa tajjeb ħafna, kemm mill-Arċipriet innifsu kif ukoll minn nies tal-lokal. Dan għaliex mhux biss kien hemm qbil ma' din il-proposta, iżda l-istess Arċipriet xtaq li barra l-quddiesa jiġu wkoll kantati l-Vespri u jsir il-paniġierku. Ma' dan xtaq ukoll li l-istatwa ta' San Publju titpoġġa fuq il-presbiterju.

L-ispejjeż ta' din il-festa, offra li jħallashom kollha devot ta' San Publju mil-lokal. Fil-jum mistenni tal-festa, l-artal maġġur kien imżejjen għall-okkażjoni. Il-pilastri prinċipali kienu mżejna bid-damask, filwaqt li l-istatwa ta' San Publju li kienet mingħajr pedistall u mingħajr anġli, ġiet esposta fuq bradella u mdawwra minn kwantità ta' xema' u fjuri li kienu offerti mill-Fratellanza u mill-istess Furjaniżi li kienu refuġjati f'dan il-post.

Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa kantata bil-vuċijiet u bl-orgni, iċ-ċelebranti u l-membri tal-kleru, biesu r-relikwa ta' San Publju li nġiebet għall-okkażjoni mill-Arċipriet tal-Furjana nnifsu fuq talba ta' l-Arċipriet tan-Naxxar.

Fl-aħħar taċ-ċerimonja ġiet imqassma tifkira (santa) ppreparata mill-Konfraternità għal din l-okkażjoni. Il-Prim Assistent Antonio Agius, flimkien ma' għadd ta' fratelli oħra rringrazzjaw mill-qalb lir-Rev. Arċipriet tan-Naxxar għan-nom tal-Konfraternità.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' fil-għaxija bdiet fl-4.00 p.m. bil-kant tal-vespri, wara niseġ il-paniġierku r-Rev. Saċ. Gius. Camilleri Xuereb, u ntemmet bil-Benedizzjoni Sagramentali.

L-attendenza għall-funzjonijiet kienet numeruża ħafna. Fil-fatt barra l-Furjaniżi refuġjati fl-inħawi tan-Naxxar, kienu preżenti wkoll bosta Furjaniżi li attendew minkejja d-diffikultajiet tat-trasport.

F'dik il-ġurnata storika, il-poplu tan-Naxxar flimkien ma' għadd ta' Furjaniżi, urew espressjoni ta' fidi u devozzjoni lejn il-protettur ta' Malta, proprju fl-istess nħawi fejn l-antenati tagħhom kienu tant viċin ta' San Publju.

(Tagħrif meħud mill-ktieb tas-Seduti li jinsab fl-Arkivju tal-Fratellanza tas-SSmu. Sagrament u ta' San Publju, fil-Furjana).